# Il-Kolonna tal-Madonna tagħlaq il-mitt sena

Waħda mill-isbaħ kolonni jew pedistalli li jintramaw fil-festi f'Malta jew Għawdex hija bla dubbju ta' xejn il-kolonna ta' Marija Immakulata Kunċizzjoni li titqiegħed fi Pjazza Pawlino Vassallo ġewwa Bormla. Din is-sena din il-kolonna ser tagħlaq il-mitt sena.

Din saret fuq disinn tal-Prof. Dr. Nikola Zammit fl-1890. Hija għolja 'l fuq minn ħamsa u għoxrin pied u biex tintrama, triq tingħaqad mat-tnejn u sebgħin biċċa li parti minnhom jiżdiedu wara li titla' l-istatwa fuq il-kolonna.

Fil-bidu li saret, hija saret għall-Papa Piju IX li għamel id-Domma tal-Immakulata. L-ewwel Papa li kien jintrama fuqha kien dak ta' Ġużeppi Gatt (ħu s-surmast Abram Gatt). Din tkissret bil-gwerrra tal-1940 u wara l-gwerra fl-1948 saret statwa oħra mis-surmast Ġużeppi Caruana (ta' Marċjol). Imbagħad fl-1975 sar xi tibdil fuq l-armiu l-lapidi tal-kolonna billi saret statwa ġdida tal-Kunċizzjoni maħduma mis-surmast Michael Camilleri Cauchi fuq dik tal-Bormliż Salvu Psaila li tinsab fil-knisja ta' San Franġisk, ir-Rabat Għawdex.



*Il-Papa l-antik fis-Suq il-Qadim, qabel il-Gwerra tal-1940*

Fuq il-kolonna oriġinali kien hemm erba' kitbiet bil-Latin li dawn flimkien ma' l-armi tal-Papa Piju IX inbidlu, meta bdiet tintrama fuqha l-Madonna. Fuq il-faċċata ta' quddiem kien hemm il-kelmiet "PIO IX, PONT.MAXIMO XNI. NOMINIS VINDICI" li tfisser "Lill-Papa Piju IX li tant ħabrek għar-Reliġjon ta' Kristu." Fuq naħa minnhom kien hemm "QVOD DE. HOC. CAPITVLO OPTIME MERITVS. EST." li tfisser "Dak li kien wisq jixraqlu minn dan il-kapitlu." Fuq ix-xellug kien hemm " QVOD DEIPARAM LABIS. NESCIAM DECLARAVIT" li tfisser "għaliex iddikjara li Marija Omm Alla hi mingħajr tebgħa." Fuq in-naħa ta' wara kien hemm silta li tgħid hekk "HOC MONVMENTVM CONSPICVENSES M.DCCC. LXXXX" li tfisser "Dan il-monu-

ment li l-Bormliżi waqqfu fl-1890." Illum dan il-kliem inbidel u sar bil-Malti u jaqra x'qalu l-Papiet fuq l-Immakulata.

Din il-kolonna matul dawn is-snin kollha sarilha tibdil f'dawk l-affarijiet li tkissru bil-gwerra imma dejjem żammet l-originalità li kellha. Din dejjem intramat fi Pjazza Pawlino Vassallo ħlief din is-sena li f'għeluq il-mitt sena tagħha intramat għall-ewwel darba f'Mejju fi Pjazza Sta. Margerita għaż-żjara tal-Qdusija Tiegħu il-Papa Ġwanni Pawlu II f'Bormla.



*Il-Papa Piju IX tas-Surmast G. Caruana (ta' Marċjol) fi Pjazza Pawlino Vassallo*



*L-istatwa tal-Kunċizzjoni maħduma mis-Surmast Michael Camilleri Cauchi fuq dik tal-Bormliż Salvu Psaila fin-1975.*